**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Mark Lawrence Rizzo**

Kaz Numru: 1019/2009

Illum 29 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Lawrence Rizzo** detentur ta' karta tal-identita' 216383(M):

U nakkuzah talli nhar id-19 ta' Settembru 2009, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar (14:15), nhar l-20 ta' Settembru 2009 ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar (15:45) u nhar il-21 ta' Settembru 2009 ghal habta tat-tlieta u ghoxrin minuta ta' wara nofsinhar (15:20), ikkommetta serq minn gewwa l-kumpanija Intergame Ltd, sitwata fi Triq ix-Xatt, Gzira, liema serq sar ghad-dannu tas-sidien u diretturi tal-istess kumpanija u li huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2329.37);

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi huwa naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D fid-digriet taghha datat 18 ta' awwissu 2009 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' sejbien ta'htija skont l-akkuza kif dedotta tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta-imsemmi Mark Lawrence Rizzo;

U fl-ahharnett nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikolu 261(b)(c), 263, 267, 270, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 261(b)(c), 263, 267, 270, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 261(b)(c), 263, 267, 270, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 17, 49, 50 u 289 fl- Fl-artikolu 261(b)(c), 263, 267, 270, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-€2,329.37; li kiser kundizzjoni imposta fid-digriet tal-helsien mill-arrest; bl-addebitu tar-recediva u li wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Mix-xhieda u mill-atti jirrizulta:

Fit-23 ta' Settembru 2009 dahal rapport fl-Ghassa, Sliema minn certu Michael Spitei Bailey f'isem il-kumpanija Intergame Ltd, li kienu ndunaw li xi hadd mhux awtorizzat dahal fl-ufficini tal-kumpanija u kien insteraq apparat elettroniku fosthom televixin kbir, kompjuters, monitors u laptop[1].

Fuq il-post ma kienx hemm sgass izda mill-investigazzjoni rrizulta li min dahal fil-fond uza l-kodici tal-alarm tal-cleaners. Min dahal kien ghamel uzu ta' cavetta (electronic key) li kienet insterqet f'Lulju tal-istess sena[2]. Irrizulta li min dahal fl-ufficini kien dahal fi tlett granet wara xulxin.

**L-ex-Spettur** jixhed li ngahta r-records tal-kumpanija meta kienet insterqet ic-cavetta f'Lulju fejn kien hemm zewg cleaners. Dawn kienu gew investigati u waqt l-interrogazzjoni. Casey Borg kien ammetta li kien seraq ic-cavetta huwa u kien qal li ghadda din ic-cavetta flimkien mal-kodici tal-alarm lill-imputat odjern.

**Michael Spiteri Bailey**, direttur tal-kumpanija Intergame Ltd, xehed[3] li mill-ufficini nsterqulhom: 47 inch televixin tad-ditta Phillips; 6 kompjuters tad-ditta HP; 8 monitors, laptop u docking station tal-istess laptop; laptop dock station. Dawn l-oggetti kollha kellhom valur komplessiv ta' madwar €7,500. Gir rkuprat biss it-televixin. Huwa qal li ma jafx lill-imputat u l-istess imputat qatt ma kellu access ghall-ebda cwievet jew kodici tas-sigurta'. Inkwantu ghal Casey Borg, ix-xhuda spjega li l-kumpanija li taghha huwa direttur tinkariga kumpanija ta' tindif bl-isem Absolute Cleaners u x-xhud kien ighaddi c-cavetta lil certu Mark Bayona. X'aktarx Casey Borg kien imur

---

[1] Xhieda ex-Spettur Daniel Zammit fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2009

[2] Xhieda PS 430 Andrew St John li mar fuq il-post li xehed fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2009.

[3] Seduta tal-14 ta' Ottubru 2009

inaddaf. Mark Bayona kien infurmah li huwa kien ghadda c-cwievet lil dan Casey Borg u s-supervisor tieghu.

**Casey Borg** xehed[4] li xi zmien qabel kien ghadda cavetta u kodici tal-alarm lil certu Mark lawrence Rizzo li huwa gharaf bhala l-imputat. Din kienet tappartjeni lill-kumpanija fejn kien qed jaghmel xoghol ta' cleaner fiha li tinsab il-Gzira. Din kienet cavetta tal-plastic li tghaddi minn sensor. Huwa ghaddihom lill-imputat biex jakkwista xi haga tal-flus. Huwa ried it-televixin u qal lill-imputat li dak biss ried. Jaf li fl-ufficini kien hemm ukoll xi kompjuters. Jispjega li lill-imputat kien tah ic-cavetta u l-kodici tahomlu fejn kien qed joqghod l-istess imputat ossija faccata tal-Moskea. Kien hu x-xhud li laqqghu mal-imputat u Casey Borg staqsa lil huh biex jara kienx gablu t-televixin imma ma gabulux. Sussegwentement gie arrestat mill-pulizija u qalilhom il-verita'. Kien tressaq il-Qorti, ammetta u nghatat sentenza fil-konfront tieghu. In kontro-ezami[5] huwa kkonferma x-xhieda li kien ta in ezami.

**PS 430 Andrew St John** xehed[6] li minn informazzjoni li l-pulizija kellha gie stabilit li Mark Lawrence Rizzo dahal fil-fond misruq. Kien hemm imbaghad Glen Spiteri li gie arrestat li nstablu monitor partikolari li kien LED screen mill-kbar li kien parti mis-serqa mill-kumpanija u meta Spiteri gie mistqosi minn fejn kien akkwista l-monitor kien qal li xtrah minghand Mark Lawrence Rizzo.

**Glen Spiteri** xehed[7] li l-proceduri fil-konfront tieghu relatati mal-kaz kienu nqatghu u kien instab hati. Xehed li kien xtara televixin 47 inch Phillips minghand l-imputat. Kien xtrah madwar €900. L-imputat kien waqaf hdejh bil-karozza u staqsih riedx jixtri t-televixin. Huwa kien ilu jaf lill-imputat ghal xi zmien. In kontro-ezami[8] ikkonferma li kien xtara t-televixin minghand l-imputat u li minghalih kien bla packaging.

**L-imputat** xehed[9] li l-ex-Spettur Daniel Zammit kien cempillu biex imur fl-ufficcju tieghu bil-karozza b'kollox. Huwa qallu li kien infurmat li kellu x'jaqsam ma' serqa u nfurmah li kien arrestat u l-

[4] Seduta tal-14 ta' Ottubru 2009
[5] Seduta tal-15 ta' Mejju 2017
[6] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2010
[7] Seduta tad-9 ta' Mejju 2011
[8] Seduta tal-15 ta' Mejju 2017
[9] Seduta tal-25 ta' Settembru 2017

karozza sekwestrata. Waqt li kien fl-ufficcju tal-ex-Spettur cempillu Casey Borg u qallu li t-televixin kien bieghu lid-dealer tal-karozzi, u dak il-hin l-imputat ighid lill-ipsettur li t-televixin kien ghand id-dealer. L-ghada stess il-karozza hadha lura. Lil Casey Borg ma jafux. Ighid li eventwalment Glen Spiteri sabu barra u skuza ruhu ghaliex sar jaf li hu Casey kien involut u li huwa kien talab li tinbidillu l-istqarrija. L-imputat jichad li kien involut fis-serqa. In kontro-ezami qal li hu Casey, Trevor, kien qed jiggwida lil huh.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi m'hemmx dubju li fil-granet indikati twettqet serqa fl-ufficini tal-kumpanija Intergame Ltd fejn insterqu l-oggetti msemmija minn Michael Spiteri Bailey.

L-imputat jichad li kien huwa li wettaq din is-serqa. Biss pero' mill-provi mressqa l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat kien involut fis-serqa. Casey Borg, li minhabba x-xoghol tieghu kellu access ghall-ufficini inkwistjoni fil-perjodu relattiv, xehed b'mod inekwivokabbli kif iltaqa' mal-imputat u tah ic-cavetta li kienet insterqet precedentement u l-kodici tal-alarm ghall-access fl-ufficini. Infatti ma nstabx li kien hemm sgass u li min dahal fil-fond ghamel dan b'cavetta u billi dahhal il-kodici tal-alarm. Oltre' dan, Glen Spiteri xehed li kien l-imputat li beghlu t-televixin li kien proprju parti mir-*res furtiva*. M'hemm l-ebda raguni ghalfejn il-Qorti ghandha tiskarta x-xhieda ta' Casey Borg u Glen Spiteri.

Inkwantu ghall-kwalifika tal-mezz din giet ippruvata inkwantu c-cavetta li permezz taghha acceda l-imputat fl-ufficini tal-kumpanija kienet insterqet minn Casey Borg precedentement u inghatat lill-imputat u dan fit-termini tal-artikolu 265 tal-Kodici Kriminali.

Inkwantu ghall-aggravju tal-valur li jeccedi l-€2,329.37 il-Qorti tirrileva li ma giet prezentata ebda ricevuta bhala prova ta' kemm kienu jiswew l-oggetti misruqa. Biss pero', Michael Spiteri Bailey xehed bil-gurament li l-oggetti misruqa kienu jiswew madwar €7,500. Fi kwalunkwe kaz in-natura tal-oggetti misruqa bla dubju jeccedu l-ammont ta' €2,329.37.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi billi ghalkemm giet prezentata vera kopja ta' digriet tal-

helsien mill-arrest, biss pero' ma ngabitx il-prova tal-identita' tal-imputat.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva, gew ezebiti tlett veri kopji ta' sentenzi[10] - Dok DZ3 hija sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat billi l-konnotati huma identici ghal dawk fl-akkuza odjerna li permezz taghha l-imputat fit-8 ta' Marzu 2007 gie kkundannat ghal sena prigunerija li gew sospizi ghal perjodu ta' 4 snin. Ghalhekk ir-rikorrent wettaq ir-reat fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u kwindi din is-sentenza hija prova li l-imputat huwa recediv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Dok DZ4 hija sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat billi l-konnotati huma identici ghal dawk fl-akkuza odjerna li permezz taghha l-imputat fil-21 ta' Mejju 2009 gie kkundannat ihallas multa, biss pero' ma ngabitx prova li l-multa imposta thallset u li ghalhekk tali sentenza hija prova li l-imputat huwa recediv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Dok DZ5 hija sentenza li nghatat fit-22 ta' April 2004 m'hemmx konnotati tal-imputat u ma ngabitx prova ta' identita'.

Ma ngabitx prova li l-imputat huwa recediv fit-termini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tqis n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Qeghda tiehu wkoll in kunsiderazzjoni l-*pre-sentencing report* u x-xhieda ta' Ashley Cumbo minn fejn jirrizulta li l-imputat matul dawn is-snin hadem fuq il-problemi tieghu u pprova jindirizzahom u ghandu wkoll impjieg stabbli. Fid-dawl ta' dan tqis li ghandha tpoggi lill-istess imputat taht ordni ta' probation.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 261(b)(c), 263, 265 267, 270, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront

[10] Dok DZ3 a fol 99; Dok DZ24 a fol 101 u Dok DZ a fol 103 tal-process

tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recediva fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta′ Malta tpoggih taht ordni ta′ probation ghal perjodu ta′ tmintax-il (18) xahar millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. L-imputat mhux qieghed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-recediva fit-termini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u minnhom qieghed jigi liberat.

Invista li l-imputat ma nstabx hati tat-tieni imputazzjoni l-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**